**LifeMedGreenRoof Project**
Civil Structural Engineering Department
Faculty for the Built Environment
University of Malta
Msida MSD 2080
MALTA

# End-of-Project Press release

**20 ta' Lulju 2017**

Wara kważi erbgħa snin ta' riċerka, il-proġett LifeMedGreenRoof wasal sabiex jispiċċa. Għal din ir-raġuni, gie organiżżat seminar sabiex jiġbor flimkien ir-riżultati tal-proġett. L-għan ewlieni tal-proġett kien li jiġi studjat il-mogħod ta' kif il-bjut imħaddra jaħdmu f'Malta f'dak li-huwa l-iżvilupp tal-pjanti, l-efficjenza enerġetika tal-bini, u -kontoll tal-għargħar. Dan sabiex ninkoraġixxu l-bini tal-bjut imħaddra fuq skala nazzjonali. Ir-riżultati huma pożittivi. Bil-kunfidenza kollha jista jingħad li l-bjut imħaddra għandhom rwol importanti li jrendu l-irħula u l-ibliet aktar sostenibbli billi jnaqqsu il-problemi li nsibu f'dawn il-postijiet; problemi bħan-nuqqas ta' arju pura, l-għargħar u mard relatat.

Il-bjut imħaddra huma klassifikati bħala infrastruttura ħadra li joffru beneficcji b'vantagg ghas-sid tal-bejt imħaddar, is-socjeta' u l-ambjent. L-infrastruttura ħadra, li tinkludi bjut imħadra, ġonna, siġar fit-toroq u pavimenti permeabbli fost l-oħrajn, jipprovdu beneficcji varji. Dan għall-kuntlarju tal-infrastruttura griża li tirreferi għal strutturi u servizzi mibnija, bħat-toroq u gandotti li jipprovdu beneficji limitati. Huwa għalhekk li ħafna pajjiżi u municipji mad-dinja kollha jħajjru il-bini tal-bjut imħaddra billi joffru incentivi, politika u regolamenti favurhom. Il-proġett ikkonferma li l-bjut imħaddra f'Malta kapaci jnaqqsu l-għargħar u l-użu tal-elettriku sabiex tiġi ikkondizzjonata l-arja specjalment fix-xhur sħan tas-sajf. Huwa kkonfermat li l-bjut imħaddra jnaqqsu ix-xoghol ta' manteniment fuq bini minħabba li jitnaqqas iċ-ċaqliq fil-bini. Huwa jipprovdi ikel u kenn ghal diversi ħlejjaq slavaġġ bħan-naħal u speci oħrajn ta' beneficcju. Nistgħu inżidu ukoll il-fatt li dawn il-bjut jtejjbu il-vista tal-pajsagg urban li huwa ta' benefiċċju għal kulħadd. Jekk ikunu iddiżinjati sewwa, l-bjut imħaddra jistgħu joffru wkoll spazji għal attivitajiet soċjali u edukattivi. Ir-riżultati li rriżultaw f' Malta huma simili għal dawk li irriżulta fi studji li saru f'pajjiżi lil hinn minn xtutna.

Għaldaqstant dawn il-benefiċji jinħassu biss jekk it-teknoloġija tiġi rrepplikata fuq skala nazzjonali. Għalhekk il-proġett kiteb żewgt dokumenti, wieħed jittratta dwar propoposti sabiex tiddaħħal politika li tinkoraġixxi il-bini tal-bjut imħaddra u dokument ieħor li jittratta dwar il-benefiċċji socjo-ekonomika tal-bjut imħadra. Dan sar sabiex titpinga stampa ta kif il-bjut imħaddra jistgħu jiġu integrati fl-urban grazzi ghas-sistema tal-ipjanar u regolamenti tal-bini. Aktar kmieni din is-sena, saru diversi laqgħat bejn l-universita, l-gvern u membri tal-oppożizzjoni sabiex tinħoloq kuxjenza dwar il-bżonn tal-bjut imħaddra u jiġu studjati meżżi ta kif dawn il-bjut jistgħu jintegraw irwiehom fil-qasam tal-kostruzzjoni.

Is-seminar kien organiżżat fl-Universita' ta' Malta. Diversi preżentazzjonijiet inataw minn rapreżentanti tal-imsieħba tal-proġett. Kienu mistiedna anke żewgt kelliema oħra li tkellmu dwar il-bjut imħaddra u proġett ieħor LIFE li qed jitwettaq il-Polonja, li jittratta dwar l-infrastruttura ħadra. Kull membru tal-proġett tkellem dwar risultati tal-proġett li jkoppru l-għażla u l-propogazzjoni tal- pjanti għal bjut imħaddra, il-prestazzjoni termika tal-bjut kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja, il-ġestjoni tal-ilma tax-xita fiż-żewg pajjiżi, u il-prestazzjoni tas-substrati li fihom jikbru il-pjanti fuq il-bejt.

Apparti l-għat tekniku, ingħataw preżentazzjonijiet dwar id-dokument tal-istandard  għal kostruzzjoni tal-bjut imħadra f'Malta u id-dokument dwar il-politika proposta ghal bjut imħadra.  Dawn id-dokumenti kienu ppreżentati lill-awtoritajiet koncernati.  Dawn id-dokumenti ser jittellagħu fil-sit elettroniku tal-proġett, www.lifemedgreenroof.org. Il-partecipanti ittellaw sabiex jaraw il-bejt imħaddar ta' dimostrazzjoni.  Dan il-bejt huwa mezz importanti ta' ezempju ghall-pubbliku sabiex jagħaraf sewwa fiex jikkonsisti bejt imħaddar u kif jiffunzjona.  Dan il-bejt huwa miftuħ ghal publiku waqt il-ħinijiet tal-ufficju is-sena kollha.

Il-proġett beda f'Novembru tal-2013.  Huwa immexxi mill-Universita' ta Malta.  L-imsieħba tal-proġett jinkludu il-Malta Competition and Consumer Affairs Authority, Minoprio Analsis e Certificazioni s.r.l u Fondazione Minoprio.   Il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Life+ li hija l-istrument finanzjarju Ewropew li jappoggja progetti ambjentali u ta konservazzjoni .    Ghal aktar informazzjoni cemplu 23403621 jew żuru is-sit elettroniku.